

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 82/2008****tat-28 ta' Jannar 2008**

**li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 32/2000 biex jitqiesu l-emendi tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 32/2000 tas-17 ta' Diċembru 1999 li jiftaħ u jipprovdi għall-amminis-trazzjoni tal-kwoti ta' tariffi Komunitarji marbutin fil-GATT u ċerti kwoti ta' tariffi Komunitarji oħra u li jstabbilixxi regoli dettaljati għall-aġġustament tal-kwoti, u li jirrevoka r-Regola-ment tal-Kunsill (KE) Nru 1808/95 <sup>(1)</sup>, partikolarment l-Artikolu 9(1)(a) tiegħu,

Billi:

- (1) Fin-Nomenklatura Magħquda għall-2008, stabbilita fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni <sup>(2)</sup>, kif emendata bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1214/2007 <sup>(3)</sup>, il-kodiċijiet tan-Nomenklatura Magħquda (il-kodiċi NM) għal ċerti prodotti ġew emendati. L-Annessi III u IV tar-Regolament (KE) Nru 32/2000 jirreferu għal uħud minn dawn il-kodiċijiet NM. Għaldaqstant, huwa meħtieġ li dawn l-Annessi jiġu aġġustati.

- (2) Ir-Regolament (KE) Nru 32/2000 għandu għalhekk jiġi emendat skond dan.

- (3) Billi r-Regolament (KE) Nru 1214/2007 daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2008, dan ir-Regolament għandu jkun appli-kabbli mill-istess data.

- (4) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Annessi III u IV tar-Regolament (KE) Nru 32/2000 huma emendati kif stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidhul fis-seħħ fil-jum tal-pubblikaz-zjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2008.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 28 ta' Jannar 2008.

*Għall-Kummissjoni*

László KOVÁCS

*Membru tal-Kummissjoni*

<sup>(1)</sup> ĠU L 5, 8.1.2000, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 630/2007 (ĠU L 145, 7.6.2007, p. 12).

<sup>(2)</sup> ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1352/2007 (ĠU L 303, 21.11.2007, p. 3).

<sup>(3)</sup> ĠU L 286, 31.10.2007, p. 1.

## ANNEX

L-Annessi III u IV tar-Regolament (KE) Nru 32/2000 huma emendati kif ġej:

- (1) Fl-Anness III, il-kodiċi NM għan-numru tas-serje 09.0107 fit-tieni kolonna huma emendati kif ġej:
    - (a) il-kodiċi NM "ex 5703 90 10" huwa sostitwit bil-kodiċi "ex 5703 90 20";
    - (b) il-kodiċi NM "ex 5703 90 90" huwa sostitwit bil-kodiċi "ex 5703 90 80".
  - (2) Fl-ewwel parti ta' l-Anness IV, għan-numru tas-serje 09.0106, il-kodiċi NM "ex 6204 49 00" fit-tieni kolonna huwa sostitwit bil-kodiċi NM "6204 49 90".
  - (3) Fit-tieni parti ta' l-Anness IV, il-kodiċi għan-numru tas-serje 09.0106, jiġu emendati kif ġej:
    - (a) fil-ringiela għall-kodiċi NM "6204 49 00", il-kodiċi TARIC "91" fit-tielet kolonna huwa sostitwit bil-kodiċi TARIC "10";
    - (b) Il-kodiċi NM "6204 49 00" fit-tieni kolonna huwa sostitwit bil-kodiċi NM "6204 49 90".
-